# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 350.20

## ĦTIĠIET DWAR STANDARDS U PRATTIKA DWAR SOTTOTITLI U TITLI OĦRAJN FIL-PROGRAMMI TELEVIŻIVI

22 ta' Marzu, 2007

*IN-NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN 263 ta' l-2007.*

It-titolu ta' dawn l-ħtiġiet huwa Ħtiġiet dwar Standards u Prattika dwar Sottotitli u Titli Oħrajn fil-Programmi Televiżivi. Titolu.

**1.** Introduzzjoni

1.1 Dawn il-Ħtiġiet dwar Standards u Prattika saru mill-Awtorità tax-Xandir bis-saħħa ta' l-artikolu 20(3) ta' l-Att dwar ix-Xandir, Kapitlu 350 tal-Liġijiet ta' Malta.

1.2 Ir-regolamentazzjoni dwar it-titli li jidhru taħt il-programmi, it-titli normali u dawk li jgħaddu jikkreditaw il-programmi ilha żmien tħabbel l-imħuħ, mhux biss ta' dawk tax-xandir lokali iżda wkoll ta' dawk tax-xandir f'diversi pajjiżi oħra barranin. Is-sistema ta' kif jgħaddu l-krediti sikwit tvarja kultant mgħaġġla tant li min ikun qed jara qajla jilħaq jaqra xi jkun għaddej. Fir-reklamar televiżiv hemm tendenza aktarx qed tiżdied fejn il-prodott reklamat qed isir aktar enigmatiku fid-dehra, bla kliem ċar li jidentifika l-prodott innifsu.

**2.** Ħtiġiet Ġenerali dwar is-Sottotitli, Titli Normali u dawk li jikkreditaw il-programmi

2.1 Wiri tat-Test Bażiku

2.1.1 Studji dwar il-qari ta' titli wrew li hemm ħtieġa ta' dan li ġej:

i. Ittri tat-test għandhom jidhru b'għoli doppju u mħallta (kbar u żgħar);

ii. Kliem f'sotto-titlu għandu jkun separat bi spazju singlu;

iii. Biex tgħin il-qari, it-test għandu jkun bilanċjat tajjeb lejn ix-xellug, lejn iċ-ċentru jew lejn il-lemin skond il-qagħda ta' min ikun qed jitkellem;

iv. Għandha tintuża l-punteġġatura standard normali. Il-punteġġatura tagħti ħjiel importanti lill-istruttura sintattika u għandha tintwera sewwa biex tkun effettiva. Mod kif wieħed jista' jżid l-effett tal-punteġġatura hu billi jitħalla spazju wieħed qabel ma jitqiegħdu marki ta' esklamazzjoni u ta' mistoqsija, wara l-virgola, iż-żewġ punti, il-punt u l-virgola, u l-punt fis-sottotitlu, fuq iż-żewġ naħat tas-sinjal (iżda mhux f'nofs ta' kelma), qabel jinfetħu l-parentesi jew il-virgoletti u wara li jingħalqu l-parentesi u l-virgoletti.

2.2 L-Għoli tat-Test

2.2.1 L-iskrins tat-televixin ivarjaw fid-daqs u jitkejlu djagonalment. Fis-servizz tat-teletest hemm biss 24 filliera ta' test kull paġna f'kull skrin u kull filliera għandha 40 karattru. Hu x'inhu d-daqs ta' l-iskrin, dawn il-parametri ma jistgħux jinqabżu - in-numru ta' fillieri ma jistax jiżdied u lanqas in-numru ta' karattri tat-test f'kull vers. Fis-servizzi tat-teletest 10% ta' l-iskrin kollu madwar il-paġna tat-teletest, jiġifieri.20% mill-għoli ta' l-iskrin u 20% mill-wisa' tiegħu ma jkunx jista' jintuża kontra l-5% fi tqasssim ta' televixin normali li jittieħed bil-frejm tat-televixin madwar it-tubu.

2.2.2 Dan iħallik b'paġna tat-teletest li tuża biss 80% ta' l-iskrin maqsum f'24 filliera fejn kull filliera fiha 3.33% ta' l-iskrin kollu. L-aħjar mod biex issib l-għoli tat-test hu billi toħroġ dan bħala perċentwali ta' kif jidher mad-daqs ta' l-iskrin għaż-żewġ xorta ta' aspetti proporzjonali tat-televixin.

2.2.3 F'televixin bi skrin ta' 32-pulzier (81.3 ċm), l-għoli jkun fih 19.2 pulzier (48.8 ċm) b'wisa' ta' 25.6 pulzier (65.0 ċm). Jekk tissettja qies standard għal test mhux inqas minn 3.3% tad-daqs ta' l-iskrin dan iwassal għal għoli ta' test ta' 0.64 pulzier [1.6 ċm] test.

2.3 Il-Kulur

2.3.1 Il-parti l-kbira tat-test fuq taħlita ta' lwien ma tantx tagħmel tajjeb biex toħloq it-titli ta' taħt għaliex ma jħallix il-kliem jinqara tajjeb. L-iktar kuluri ta' ittri li jinqraw huma bojod, sofor, koħol ħadrana u ħodor fuq l-iswed. Wieħed għandu jaħrab fuq sfond iswed il-maġenta, l-aħmar u l-blu. L-aħjar tlaqqigħ ta' lwien fuq sfond kulurit biex ikun jista' jinqara tajjeb huma l-ikħal fuq l-abjad, l-abjad fuq il-blu, l-aħmar fuq l-abjad, l-abjad fuq l-aħmar, ikħal ħadrani fuq il-blu u blu fuq l-ikħal ħadrani. Minn dawn kollha l-aħjar huma abjad fuq l-aħmar, abjad fuq il-blu u ikħal ħadrani fuq il-blu.

2.4 *Formatting*

2.4.1 L-aktar tul rakkomandabbli għas-sottotitlu hu ta' żewġ fillieri. Jistgħu jintużaw tliet linji jekk wieħed ikun żgur li mhux ser tinħeba xi stampa importanti. Normalment il-qagħda ta' sottotitli / krediti għaddejjin tkun qrib ix-xifer ta' taħt ta' l-iskrin. Madankollu biex wieħed jimxi ma' dan irid joqgħod attent sewwa li ma jgħattix titli 'fuq l-iskrin', xi parti minn ħalq il-kelliem jew xi attività oħra importanti. Ċerti tipi ta' programmi speċjali oħra jkun fihom ħafna tagħrif fil-parti ta' taħt ta' l-iskrin (eż. is-*snooker*, fejn il-logħob ikun l-aktar konċentrat madwar il-boċċa s-sewda) u f'każi bħal dawn forsi jkun aktar aċċettabbli li jitqiegħdu fuq in-naħa ta' fuq fl-iskrin. Is-sottotitli għandhom jidhru orizzontalment, u l-aħjar li kull sottotitlu jkun fih sentenza sħiħa.

2.5 Ħin u Sinkronizzazzjoni

2.5.1 Is-sottotitli bilfors iridu jidhru għal tul ta' ħin biżżejjed biex min ikun qed jara jkollu ċans jaqrahom. Ir-rata li biha għandhom jintwerew fi programmi ġa rekordjati ma għandhiex tiskorri l-140 kelma kull minuta. Naturalment ir-rata li bihom

jidhru għandha tiddependi mill-kontenut tal-programm innifsu. Ngħidu aħna, tagħmel sottotitli f'dokumentarju f'ħin reali fejn il-kelliem ma jkunx jidher, jew f'*chat shows* b'test aktar komplikat mid-drama.

2.6 L-Iggwidar u t-Tnikkir

2.6.1 Il-mira tas-sinkronizzazzjoni għandha tintlaħaq bejn il-pawsi li jinħolqu fit-tlissin ta' sentenzi fi trufijiet id-diskors, jew tibdil tax-xena. Madankollu jista' jkun hemm każi fejn dan ma jkunx prattikabbli jew ma jkunx jgħodd. Tiftix dan l-aħħar wera li:

i. Materjal għal monologu: Għal min isegwi programmi l-parti kbira monologu u ma tantx ikun jisma', l-istudju wera li mhux bilfors meħtieġa sinkronizzazzjoni perfetta u xi tlajjar ta' sitt sekondi ma jeffettwax li wieħed jiftakar dak li jkun intqal. Dan hu l-istess meta jkun hemm għaddejjin is-sottotitli (dejjem sakemm l-ewwel sottotitlu ta' diskors twil ikun sinkronizzat). Madankollu wieħed irid jifhem li wħud milli jkunu qed jaraw, iħarsu lejn is-sottotitli biex jgħinuhom jifhmu aħjar dak li jkun qed jintqal u għalhekk meħtieġa s-sinkronizzazzjoni. Għaldaqstant it-teknika ma għandhiex għalfejn tintuża aktar mill-meħtieġ.

ii. Xeni Drammatiċi: Għal drammi u programmi fejn sikwit tinbidel l-istampa, wieħed irid jaħrab li s-sottotitli jitilfu s-sinkronizzazzjoni minn mad-djalogu jew il-kommentarju għal aktar minn żewġ sekondi.

2.7 Bidliet fil-Ġbid

2.7.1 Minbarra r-rakkomandazzjoni ġenerali dwar is-sinkronizzazzjoni tas-sottotitli mad-diskors, hemm aspetti oħra dwar l-istampa televiżiva li jistgħu jinfluwenzaw kif wieħed għandu jżomm sewwa l-ħin tas-sottotitli. Wieħed għandu jaħrab sottotitli mħollija jiskorru l-bidliet fl-istampa għax dawn jistgħu joħolqu konfużjoni f'moħħ dak li jkun. Studju dwar iċ-ċaqliq ta' l-għajnejn wera li meta l-kamera taqta' f'nofs preżentazzjoni ta' sottotitlu, min ikun qed jara jarġa' jmur lura għal bidu ta' sottotitlu nofsu moqri u jibda' jaqra' mill-ġdid. Nafu li fil-prattika l-ħeffa u l-ġiri li bihom tinbidel l-istampa f'ħafna programmi toħloq problemi serji lil min irid jagħmel is-sottotitli. Għaldaqstant sottotitlu għandu jkun marbut ma' ġibda ta' bidla ta' stampa b'mhux inqas minn sekonda biex b'hekk tagħti ċans lill-qarrej jiffoka fuq l-istampa l-ġdida. Bidliet fl-istampi ġeneralment jindikaw il-bidu jew l-għeluq ta' diskors. Għalhekk min jagħmel is-sottotitli għandu jara kif idaħħal sottotitlu meta jkun hemm bidla fir-ritratt sakemm din tkun sinkronizzata mal-kelliem.

2.7.2 Ir-regoli ġenerali li wieħed għandu jħaddem meta jsir qtugħ mill-kamera, huma:

i. Evita li ddaħħal sottotitlu f'inqas minn sekonda qabel ma tkun qtajt u li tneħħi sottotitli f'inqas minn sekonda wara li tkun qtajt.

ii. Ipprova daħħal sottotitlu sinkronizzat eżattament mal-qatgħa li għamilt fil-kamera.

2.7.3 It-tnaqqis fix-xejn tad-dawl fl-istampa jew tidwir bil-mod orizzontalment tal-kamera ma joħolqux l-istess effett fil-wiri bħlama joħloq qtugħ u għaldaqstant ma għandhomx jinfluwenzaw lil min jaħdem is-sottotitli.

2.7.4 Bidla f'xeni ewlenin tista' toħloq l-istess problemi daqslikieku kienu bidliet ta' ġibdiet fl-istess xena. Tqum diffikultà partikolari meta l-aħħar kelmiet ta' xi ħadd f'xena, speċjalment jekk ikun fihom tifsir qawwi, ikomplu fil-pront. Meta jiġri hekk il-kliem taħt għandu jitneħħa qabel ma tinbidel ix-xena biex min ikun qed jara ma toħloqlux konfużjoni.

2.8 Kliem/Kummentarju Magħmul Wara

2.8.1 Meta l-vuċi tiżdied wara, min ikun qed jaqra t-test għandu jagħmel b'mod li dak li jkun qed jara jifhem eżattament it-tifsir tat-test u li l-qarrej ma jgħaġġilx tant li forsi min ikun qed jara jispiċċa ma jifhimx sewwa.